HAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 35 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 24 ta' Mejju 2011, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
| --- | --- |
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |

Uffiċċjali

| | |
| --- | --- |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Il-Fuljett;
5. Skema PPP;
6. Tindif tal-Festa;
7. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

1. **<u>Minuti</u>**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 34 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **<u>Tagħrif mill-Minuti</u>**

Is-Sur Abdilla xtaq jagħmel "*Point of Explenation*" dwar item li ġie diskuss fis-Seduta Nru 33. Is-Sur Abdilla qal li waslitlu informazzjoni mingħand ir-raġel tas-Sinjura Marianne Schembri li kien is-Sur Abdilla li ma riedx li din is-sena s-Sinjura Schembri tingħata 'Ġieħ Ħal Għaxaq'.

Is-Sur Abdilla qal li din kienet informazzjoni żbaljata għax jekk kien hemm persuna li riedet li s-Sinjura Schembri tingħata 'Ġieħ Ħal Għaxaq' kien proprju hu. Qal ukoll li d-diskors li ngħad kien li dan il-Ġieħ ma ngħatax lis-sinjura Schembri tort tas-Sur Abdilla.

Is-Sur Abdilla kompla jgħid li kien ftehim tal-Kunsill li Ġieħ Ħal Għaxaq jingħata lis-Sinjura Schembri sena oħra. Għaldaqstant is-Sur Abdilla talab li tintbagħat ittra lis-Sinjuri Schembri fejn tingħad il-verita' biex isem is-Sur Abdilla jitnaddaf minn din il-gidba. Il-Kunsill qabel u qabel ukoll li tintbagħat silta mill-Minuti fejn ittieħdet din id-deċiżjoni.

3. **<u>Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta & emails)</u>:-**

1. Mid-Dipartiment irċevejna Memo 43/2011, fejn infurmaw dwar l-Iskemi ta' Finanzjament Speċjali għas-Sena 2011.
Memo 44/2011 dwar Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal Korsijiet *LifeLong Learning*.
Memo 47/2011 dwar Attivitaijiet Kulturali fis-sit www.lc.gov.mt, sabiex jiġu ppubblikati l-attivitajiet li jkun ser iwettaq il-Kunsill.
Memo 48/2011 dwar is-Servizzi tal-MEUSAC.

Dwar l-Iskema tal-PPP, fejn tlabna lid-Dipartiment sabiex jiggwidana minħabba ħlasijiet relatati max-xogħolijiet tal-WSC u min ser jagħmilhom, huma wieġbuna li dawn jistgħu jitwettqu mill-istess kuntrattur li ħa l-offerta. Anness ukoll irċevejna ftehim mingħand *Bonnici Brothers Ltd.* rigward l-istess suġġett flimkien mar-rati in kwistjoni. Is-Sindku qal li Bonnici Bros. ikkwotaw l-istess tariffi li kkwotaw il-WSC.

2. Mill-AKL bagħatu d-dokumenti dwar il-*Group Health Policy* fejn jirrigwardja d-dipendenti ta' dawk li huma diġa' nxjurjati.
Baghtu wkoll staqrrija fejn infurmaw li waqt il-laqgħa tas-Sindki li saret il-weekend li għadda, inġabru € 500 għall-Puttinu Cares.

3. Mill-MEPA fejn irċevejna kopja dwar l-applikazzjoni PA 421/10 fis-sit Triq Ħal Għaxaq k/m Triq il-Pitirross sabiex jinbidel minn Klassi 4 għal dik ta' 11 flimkien ma' alterazzjonijiet interni.

4. Mingħand il-Perit tal-Kunsill irċevejna kontijiet dwar xogħolijiet professjonali li saru minn naħa tiegħu.

5. Mit-Transport Malta fejn infurmaw li saret laqgħa mal-Każini tal-Baned dwar ġranet tal-għeluq fi żminiet tal-festi ta' Triq il-Belt Valletta.
Infurmaw ukoll bl-iżvilupp ta' kif ser ikun fil-Bypass in-naħa li tikkonċerna Triq B'Buġia pjanta annessa.
Irċevejna wkoll dwar it-talba li kien il-Kunsill dwar Triq B'Buġia sabiex isir *One-Way*, pjanta annessa.

6. Mill-Kunsill Malti għall-iSport fejn infurmaw li l-*after school programm* ser jiġi fi tmiemu u għaldaqstant ser jiġu mqassma ċ-ċertifikati tal-parteċipazzjoni nhar il-Erbgħa, 25 ta' Mejju, 2011, fl-10 :00 a.m., l-Iskola Primarja.

7. Mit-Taqsima tal-Agrikoltura, fejn ktibna dwar bejta naħal ġo residenza privata, dawn wieġbu li n-naħal li jinsab f'din ir-residenza huwa kollu rreġistrat u m'hemm xejn kontra l-liġi.

8. Mill-Kunsill Nazzjonali għall-Ilsien Malti, infrumaw li l-Isem Uffiċċjali tal-Lokalita' huwa dak ta' Ħal Għaxaq

9. Mill-FSWS infurmaw dwar il-Jum għall-Protezzjoni tat-Tfal.

10. Mill-Parroċca St.Marija, fejn stiednu lill-Kunsill għal quddiesa ta' Jum it-Tridu għall-festa ta' san Ġużepp, fit-2 ta' Ġunju, 2011, fis-6:30 p.m. u wkoll għall-quddiesa fil-jum tal-Festa, fit-8:30 a.m.

11. Mingħand Din l-Art Ħelwa fejn talbu sabiex issir laqgha mal-Kunsill rigward it-Turretta.

12. Mingħand *Calypso Media Communications* fejn infurmaw dwar is-servizzi tal-*outside broadcasting* u l-prezzijiet.

13. Mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp, fejn stiednu lill-Kunsill kollu fl-okkażjojni tal-125 Anniversarju mit-twaqqif tal-Banda għall-programm vokali u strumentali fit-28 ta' Mejju, 2011, fid-9:00 p.m. Il-Kunsill qabel li jinxtara Momentum għal din l-okkażjoni.
Bagħatu wkoll posters b'konnesjoni mal-festa.

14. Mill-MEUSAC fejn bagħatu stedina għal taħdita pubblika għeluq is-7 snin sħubija fl-UE, it-3 ta' Ġunju, 2011.

15. Mill-Kumitat Konġunt feun irċevejna ċekk bl-ammont ta' € 11,189, dwar fondi żejda li ġew ġenerati mis-sistema tal-*pooling* minn Jannar 2005 sat-30 ta'April, 2011.

16. Mill-Kumitat Kontra l-Impjant għar-Riċiklaġġ ta' Sant'Antnin, fejn ser isir is-smigħ tat-Tribunal, Tlieta, 321 ta'; Mejju, 2011, fil-12:15 p.m., Furjana.

**4.** **Fuljett**

Is-Sur Picco talab il-Kunsilliera biex jgħaddulu l-artikli li kitbu għall-fuljett. Qal li hemm persuna li kiteb ktieb dwar il-knejjes ta' Malta u se jitolbu jikteb artiklu fil-fuljett. Se jitlob ukoll il-każini tal-banda biex jiktbu artiklu.

Is-Sur Picco qal jeħtieġ niktbu lill-kuntratturi għar-reklami u żied jgħid li l-fuljett ikun lest wara l-festa ta' San Ġużepp.

**5.** **Skema PPP**

Is-Sindku qal li Bonnici Bros. bagħatu l-kuntratt biex jiġi ffirmat ħalli jinbeda ix-xogħol. Il-Kunsill qabel li l-kuntratt jiġi ffirmat.

Is-Sur Vassallo qal li meta terġa' toħroġ l-iskema tal-PPP il-Kunsill japplika biex isiru is-*Service Road* ta' Dawret Ħal Għaxaq u Triq il-Gardell. Il-Kunsill qabel.

Is-Sur Vassallo qal li wara l-festa jibda ix-xogħol tar-*resurfacing*.

**6.** **Tindif tal-Festa**

Is-Sindku qal li minħabba li se jkun hawn attivita' nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju, 2011, hemm il-ħtieġa li tinġab skip kbira ħdejn il-ground. Il-Kunsill qabel.

Is-Sindku qal ukoll li għanda issir laqgħa mal-kuntrattur tal-knis biex ngħarrfuh fejn ikun hemm l-aktar ħtieġa li jsir it-tindif fil-ġimgħa tal-festa. Il-Kunsill qabel.

**7.** **Suġġerimenti mill-Kunsilliera.**

1. Is-Sinjura Agius qalet li Triq id-Dejl li għada kif ġiet irranġata sfrondat. Is-Sindku qal li hu diġa' għarraf lill-kuntrattur dawn dan u qabel ma tittranġa mhux ser isiru pagamenti lill-kuntrattur.

2. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw 100 borża tarmak biex tittranġa t-Triq tal-post tan-nar. Il-Kunsill qabel.

3. Is-Sinjura Agius staqsiet jekk hux ser terġa' ssir SkolaSajf. Is-Sindku qal li ser jitqassmu l-applikazzjonijiet fl-iskola din il-ġimgħa biex SkolaSajf terġa' ssir. Il-Kunsill qabel.

4. Is-Sur Vassallo qal li waslitlu talba biex tibda issir iż-*ZUMBA* bħala eżerċizzju fiżiku. Qal ukoll li l-kappillan ser jipprovdi s-sala. Is-Segretarju ser tavviċina xi għalliema taż-*Zumba* biex tagħti dawn il-lezzjonijiet. Il-Kunsill qabel.

5. Is-Sur Picco qal li hemm bżonn niktbu lill-kuntratturi kif ukoll xi kumpaniji biex jagħmlu avviżi fil-fuljett. Il-Kunsill qabel.

6. Is-Sindku qal li hemm il-ħtieġa li jinxtraw 6 tankijiet tal-plastik biex jitpoġġew fl-akwati fejn ser isir il-logħob tan-nar biex in-nies jitfgħu skart żgħir fihom. Il-Kunsill qabel.

7. Is-Sindku qal li tal-Każin ta' San Ġużepp talbu biex jagħmlu BAR fi Triq il-Gistakor fil-kantuniera. Il-Viċi Sindku qal li l-aħjar ikun li dawn jagħmlu l-BAR fi Triq San Filippu għax ikun hemm l-inkwiet ma' tal-kiosks. Il-Viċi Sindku kompla jgħid li jekk tal-kiosks jarawhom dawn sena oħra japplikaw għal dak il-post u jinqala' l-inkwiet. Il-Kunsill qabel li l-BAR isir fi Triq San Filippu mhux Triq il-Gistakor.

**9. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fit-3.30pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tnejn, 13 ta' Ġunju, 2011, fis-2.30 pm.

**Emanuel Vassallo**
Sindku

**Therese Xuereb**
Segretarju Eżekuttiv

**<u>Ikkonfermati:- It-Tnejn, 13 ta' Ġunju, 2011 fis-2.30pm.</u>**